MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 24/1994/2

John Mizzi .

vs

Carmel Vella .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta illi :

Illi huwa krecitur tal-konvenut fis-somma ta' hamest elef, sitt mija u hamsa u ghoxrin centezmu (LM5625.85) prezz ta' vjaggi ta' gebel mibjugha u konsenjati lill-konvenut f'diversi okkazjonijiet skond ma jirrizulta mill-anness dokument u markat Dok "A" .

Illi l-konvenut gie debitament interpellat mill-attur izda dan baqa' inadempjenti .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hamest-elef, sitt mija u hamsa u ghoxrin lira maltin u hamsa u tmenin centezmu, prezz ta' gebel lilu mibjugh u konsenjat .

bl-ispejjez kompliti dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' April, 1994 bl-imghaxijiet relattivi kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mharrek ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament mahlufa minnu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Illi fl-ewwel lok, din ic-citazzjoni hija intempestiva peress illi giet prezentata qabel ma l-esponenti gie notifikat bl-ittra ufficjali illi talbitu l-hlas, u kwindi l-ispejjez ghandhom jigu akkollati lill-attur;
2. Illi fil-meritu, l-esponenti qatt ma cahad illi jhallas lill-attur dak illi hu realment dovut lilu, kif anke jirrizulta mill-ittra ufficjali responsiva tieghu, izda ried illi l-attur jipprestalu garanzija idonea ghall-pretensjonijiet ta' terzi persuni naxxenti mill-allegata kwalita' hazina tal-gebel provdut mill-attur .
3. Illi ghaldaqstant ghandhom l-ewwelnett jigu verifikati l-kontijiet u l-konsenji maghmula mill-attur, jigi verifikat il-kwalita' tal-gebel supplit mill-attur, u jigi verifikat ukoll jekk il-pretensjonijiet ta' terzi persuni minhabba l-allegata kwalita' hazina tal-gebel humiex gustifikati jew le, u imbaghad l-esponenti jhallas il-bilanc illi jifdal realment dovut .
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut mahlufa minnu .

Rat il-verbal taghha tat-13 ta' Novembru 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob minghand il-konvenut il-hlas tal-prezz ta' diversi konsenji ta' gebel mibjugh lilu . Il-konvenut, ghalkemm mhux jikkontesta li huwa fil-fatt kien xtara diversi vjaggi ta' gebel fl-ammont u ghall-prezz indikati, jikkontendi illi m'ghandux ihallas ghal dan il-gebel billi parti minnu ma kienx tal-kwalita' pattwita u infatti s-sid tal-fond fejn intuza kien harrikhom it-tnejn li huma u anke gew ikkundannati mill-Qorti sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni kkagunati lilu[1] .

L-attur isostni illi l-ammont mitlub permezz tal-kawza odjerna m'ghandu x'jaqsam xejn mal-gebel mertu ta' dik il-kawza, ghax jirreferi ghal gebel mibjugh u konsenjat bejn is-6 ta' Settembru 1993 u l-4 ta' Frar 1994[2] . Huwa minnu illi l-istess konvenut jammetti illi l-gebel difettuz gie konsenjat lilu bejn il-5 u t-12 ta' Gunju 1990.[3] Imma kif tajjeb josserva l-konvenut, bejn il-kontendenti kien hemm kont kurrenti pendenti u minnu kien kull tant zmien jinqata' xi haga billi l-konvenut jaghmel hlas ta' parti mill-ammont dovut akkont . Infatti l-istess Elizabeth Mizzi, mart l-attur, li tohodlu hsieb il-kotba tan-negozju tieghu, ammettiet illi matul is-snin li l-kontendenti damu jinnegozjaw bejniethom, il-konvenut kien kultant zmien jaqta' xi haga mill-kont pendenti[4] . Jirrizulta mid-dokumenti esebiti illi l-kont qatt ma nqata' ghal kollox u nfatti fis-6 ta' Settembru 1994 kien ghad hemm bilanc ta' Lm5218.20 pendenti[5] . Ghalhekk ma jistax ikun gustifikat l-attur jghid illi din il-kawza tirreferi ghal gebel konsenjat bejn il-perijodu minnu msemmi, ghax qatt ma kien hemm kont gdid, imma kien ghadu fis-sehh il-kont kurrenti pendenti minn diversi snin

[1] Citaz. Nru. 5/1992 fl-ismijiet : Francis Vella et. vs Carmel Vella et. deciza minn din il-Qorti fit-23.5.1995 .

[2] ara Nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-attur u Dok. X a fol. 52 - 53 tal-process .

[3] ara affidavit ta' Carmel Vella tal-25.1.1999 a fol. 64 .

[4] ara xhieda Elizabeth Mizzi tat-22.11.1996 a fol. 25 - 37 tal-process .

[5] ara rendikat Dok. X a fol. 52 .

qabel . Inoltre, kif tajjeb josserva l-konvenut fin-nota tieghu, a tenur ta' l-artikolu 1171(1) il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn mhux kontestat qabel id-dejn ikkontestat, u ghalhekk kwalunkwe hlas li kien jaghmel il-konvenut akkont, kellu l-ewwel imur ghall-gebel illi dwaru ma kienx hemm problemi .

L-artiklu 1429(1) tal-Kap. 16 jintitola lix-xerrej li jitlob rifuzjoni tal-prezz u l-hlas tad-danni f'kaz li l-bejjiegh kien jaf li l-oggett mibjugh kien difettuz . Fis-sentenza taghha fil-kawza gia citata : "Francis Vella vs Carmel Vella et.", il-kontendenti prezenti, li kienu konvenut u kjamat fil-kawza rispettivament, gew ikkundannati *in solidum* bejniethom sabiex jaghmu tajjeb ghad-danni kkagunati lill-istess Francis Vella, minhabba l-gebel mhux tal-kwalita' pattwita wzat fil-bini tad-dar tieghu . Infatti l-Qorti kienet sabithom responsabbli t-tnejn li huma ghax :

*"…. l-istess konvenut kien jaf ben tajjeb bil-provenjenza riskjuza tal-gebel minnu uzat, u billi bhala bennej, kien jaf, jew missu kien jaf, ukoll bil-kwalita' hazina ta' l-istess gebel, huwa ghandu jirrispondi ukoll ghad-danni sofferti mill-istess atturi .*

*Minn naha l-ohra, il-kjamat fil-kawza, John Mizzi, is-sid tal-barriera minn fejn inqata' il-gebel ta' kwalita' inferjuri u dak li pprovda u kkonsenja l-istess gebel lill-konvenut, ben konxju ta' l-uzu li kien isir mill-gebel li kien qed jissuplixxi, ghandu ukoll jirrispondi ghad-danni sofferti mill-attur."*[6]

Irrizulta nkontestat illi l-attur ghadu ma rrifondiex lill-konvenut l-ammonti minnu mhallsa lil Francis Vella in segwitu ghal dik is-sentenza . Ghalhekk m'hemmx dubbju illi trid issir kompensazzjoni f'nofs l-ammonti hekk imhallsa mill-konvenut a tenur ta' l-istess sentenza . Mhux pero' gustifikat il-konvenut li jitlob ukoll ir-rifuzjoni tan-nofs l-iehor minn dawn il-hlasijiet, u xi spejjez ohra relattivi, gialadarba l-Qorti f'dik is-sentenza gia allokat il-htija rispettiva u sabitu hati bhall-attur ghal dak li gara . Lanqas ma hu gustifikat il-konvenut jinsisti illi l-attur ghandu

[6] ara kopja tas-sentenza relattiva esebita a fol. 83 .

jaghmillu tajjeb ukoll ghal danni ohra li kellu jbati minhabba dan il-gebel "hazin" . Infatti jsemmi wkoll kawza ohra li kellu ma' certu Joseph Portelli, fejn kellu jaghmel skont minhabba n-nuqqas li nstab fil-gebel uzat . Apparti l-fatt illi l-attur prezenti ma kienx involut f'dik il-pendenza, anqas ma tressqu ebda provi fil-kawza odjerna illi jistghu jorbtuh direttament ma' dak il-kaz, bhal ma gara fil-kawza l-ohra .

Ghaldaqstant fil-waqt illi l-konvenut ghandu ragun jinsisti ghal kompensazzjoni fir-rigward tan-nofs ta' l-ammont li kien kostrett ihallas in segwitu ghall-kawza li kellu ma' Francis Vella, u li kien gie ikkundannat ihallas *in solidum* ma' l-attur prezenti, mhux gustifikat jinsisti wkoll ghar-rifuzjoni ta' xi spejjez ohra minnu maghmula, la in konnessjoni mal-bini ta' l-istess Francis Vella u wisq anqas ma' dak ta' Joseph Portelli .

Irrizulta illi skond is-sentenza fil-kawza "Francis Vella vs Carmel Vella, il-konvenut u l-kjamat fil-kawza gew ikkundannati jhallsu bejniethom is-somma ta' tliet elef u mitt lira maltija (Lm3100) li gew likwidati bhala danni kkagunati lil Francis Vella, kif ukoll li jirrifondu is-somma ta' hames mitt lira maltija (Lm500) li kienu gew imhallsa akkont mill-istess Francis Vella . L-ispejjez tal-kawza kellhom jithallsu wkoll bin-nofs bejn l-istess konvenut u kjamat fil-kawza . Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jindika illi dawn kienu jikkonsistu fis-segwenti :

1. Lm199.90 spejjez ta' dik il-kawza inkorsi minnu personalment ;
2. Lm67.05, spejjez tal-kontro-talba tal-konvent ;
3. Lm152.31 spejjez tal-konvenut ghall-Appell ;
4. Lm299.90 spejjez tal-Prim'Istanza ;
5. Lm52.88 dritt tal-perit tekniku ;
6. LmLm456.93 spejjez tal-kjamat fil-kawza ghall-Appell ;

total ta' : Lm1228.97, elf mitejn tmienja u ghoxrin lira maltija u seba' u disghin centezmu . Dawn l-ammonti ma gew bl-ebda mod kontenstati mill-attur u jidher illi jirriflettu l-ispejjez legali tassew inkorsi . L-attur irid ghalhekk jissoporti nofs l-istess spejjez, jigifieri : Lm614.48,5, sitt mija u erbatax-il lira maltija u disa' u erbghin centezmu .

Ghaldaqstant jigi illi fil-kawza prezenti ghandu jkun hemm kompensazzjoni fl-ammont ta' :

Lm1550 + Lm250 + Lm614.49 = Lm2414.49, elfejn erba' mija u erbatax-il lira maltija u disgha u erbghin centezmu . Billi s-somma mitluba mill-attur f'din ic-citazzjoni hija ta' Lm5625.85, iridu jitnaqqsu Lm2414.49, biex jigi li ghadu dovut lill-attur : Lm3211.36, tliet elef mitejn u hdax-il lira maltija u sitta u tletin centezmu .

Ghalhekk tiddecidi l-kawza billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tliet elef mitejn u hdax-il lira maltija u sitta u tletin centezmu (Lm3211.36), dovuti lill-attur bhala bilanc mill-hlas ta' diversi vjaggi ta' gebel lilu mibjugh u kkonsenjat f'diversi dati .

Bl-interessi legali b'effett mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv .

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti .
Sk2494Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------